MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru. 419/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**
**VS**
**PHILIP GRECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Philip Grech, ta' 47 sena, iben il-mejtin Joseph u Salvina nee' Cutajar, mwieled tas-Sliema, nhar it-8 ta' Marzu 1965, u residenti 10, Frida Farmhouse, Triq it-Torri Vincenti, Mqabba, detentur tal-Karta ta' l-Identita 152865(M) .

Billi huwa akkuzat talli fit-22 t'April 2012 ghal-habta taws-1:00pm, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja:

1. Ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta'wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku,

waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta'dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

2. Hebb kontra persuna inkarigata skond il-ligi jew tat ordni moghti skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew tat ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti, bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

3. Ikkaguna offiza ta'natura hafifa fuq il-persuna ta'ufficjal pubbliku Stephanie Attard, skont ma ccertifika Dr.Martin Mallia M.D mic-Centru tas-Sahha ta'rahal Gdid, bi ksur tal-Artikoli 221 (1) u 222 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' f'*visitors pass*, ghad-dannu tal-*Malta International Airport* u/jew persuni ohra, bi Ksur tal-Arikolu 325(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta'wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu, bi ksur tal-Artikolu 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

6. Ghamel ingurji jew theddid bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat **Philip Grech** hati skond l-akkuza , b'assorbiment ghal fini ta' piena tal-hames u sitt akkuza  u wara li rat l-Artikoli, 96, 96, 221, 222, 325, 338 (bb), (dd), (ee), 339 (e) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tlett snin (3), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.  Il-*Probation Officer* nominat ghandu jirraporta lill-Qorti kull sitt xhur fuq l-andament ta' l-imputat.

In oltre il-Qorti tqieghed lill-imputat that *Treatment Order* that il-kura tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri  u dan ghal perjodu ta' tlett snin (3), liema Psikjatra ghandu ifassal pjan ta' kura ghal l-istess imputat, u jinformata lil Qorti fi zmien gimghatejn kemm il-darba l-imputat ma jkunx isegwi dan il-pjan.

Din il-Piena  qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz .

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services* u lill-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------